MALTA

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015

Talba Numru: 48/2015AM

Numru fuq il-Lista: 24

**GO plc – C22334**
**Fra Diego, Marsa, MRS 1501**

**vs**

**Agius John (ID 505470M)**
**Almeridja flat 2**
**25, Triq l-Ingiered**
**Hal-Luqa**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-23 ta' Jannar, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas ta' seba` mija u tmintax-il ewro u disgha u tmenin centezmu (€718.89c) liema ammont huwa in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 bil-kont numru AC 40231541 moghtija mis-Socjeta' attrici.

Ra illi mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda permezz tal-affafidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont pretiz mis-Socjeta' attrici ghadu dovut u ma thallasx lanqas in parte.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' seba` mija u tmintax-il ewro u disgha u tmenin centezmu (€718.89c) bl-imghax legali kontra l-konvenut mid-data tal-ittra ufficjali 2038/12 mit-02 t' Ottubru. 2014, sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali citata huma a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**